# 60 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja

Joe Ian Attard



Din is-sena jaħbat is-sittin anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali. Kien il-jum għażiż ta' Pentekoste meta l-E.T. l-Arċisqof DOM MAURO CARUANA O.S.B. (Episkopat 1915-1943) nhar il-15 ta' Mejju 1921 ħatar il-Viċi Parroċċa tal-Madonna tal-Ħniena bħala parroċċa indipendenti mill-Matriċi Slimiża (1913-1918 Stella Maris) (1918-1921 Sacro Cuor) u biddel it-titular għall-MADONNA TAL-KARMNU, kif kien xieraq. Il-Kappillan ħabrieki DUN ANTON MANCHÈ (1869-1935) ħabrek biex jinbena tempju ġdid u spazjuż biex jesa' l-poplu Gżirjan li kien żdied sewwa. Kien proġett ambizzjuż imma l-Kappillan Manchè kien viżjonarju. Malajr sab bosta benefatturi li bil-kelma soda tiegħu offrew l-għajnuna tagħhom. Il-Maġġur ĠUŻEPPI MUSCAT offra l-art gratis u bena l-garaxx għat-tiswija tal-karozzi post ieħor fil-Gżira. L-imgħallem ANTONIO SAMMUT, megħjun minn ibnu ĠUŻEPPI SAMMUT, wiegħdu li jħejju l-pjanti u jissorveljaw il-bini tal-knisja l-ġdida. L-imgħallem Sammut ħejja l-pjanta u l-Perit FRANCESCO SAVERIO CARUANA ffirmaha biex wara ġiet approvata mill-Kurja Arċiveskovili.

Dan ma jfissirx li kollox kien ward u żahar. Riedu jinġabru fondi kbar biex jinxtraw il-ġebla tal-franka, iż-żonqor u s-siment biex tinbena l-knisja l-ġdida. Ried jitħallas il-bennej GEJTU SCIBERRAS li kellu biċċa xogħol iebsa meta ma kienx hemm l-inġenji moderni tal-lum. L-imgħallem Sammut kien ġie joqgħod il-Gżira fejn kien jissorvelja x-xogħol tal-kostruzzjoni. Għajnuna kbira ġiet mill-kleru ta' dak iż-żmien, fosthom insemmu lil Dun FRANĠISK SAVERJU MIZZI, lil Dun ĠUŻEPP MAMO u lil Dun SALV ZAMMIT (ħu Dun Manwel Zammit li serva fil-parroċċa tagħna bejn l-1938 u l-1976). Fost ir-residenti Gżirjani li ħabirku għall-ġbir tal-fondi kien hemm il-koppja Enrico u Bernarda Cauchi, il-familja Mangion u tant Gżirjani oħra li mal-kelma mħeġġa tal-kappillan kienu anke jaħdmu b'xejn nhar il-Ħdud u l-festi biex ġebla wara ġebla jinbena t-tempju spazjuż li ngawdu illum. Kienu jsiru fieri biex jinġabru fondi għall-knisja l-ġdida. Jingħad minn xhieda bil-fomm li l-Kappillan Dun Anton Manchè kien idur it-toroq tal-parroċċa u fejn kien isib bennej se jlesti xi biċċa xogħol kien jitolbu biex il-knaten tal-franka jingħataw lilu biex titkompla l-knisja. Kull qatra tgħodd, jgħid il-qawl. Il-kostruzzjoni tal-knisja ħadet tlettax-il sena ta' ħidma kontinwa (1922-1935). Il-Kappillan Dun Anton Manchè ma kellux jara t-tempju lest għax miet fid-19 ta' Frar 1935.

It-tieni kappillan, il-maħbub u qatt minsi DUN KARLU MANCHÈ (1905-1950) ħa l-pussess bħala t-tieni kappillan tal-Gżira fit-12 ta' Marzu 1935. Dun Karlu, saċerdot żagħżugħ u żelanti, minbarra l-ħidma pastorali kompla jiġbor il-fondi biex jintemm il-bini tal-knisja. Missirijietna ferħu meta f'Diċembru tal-1935 tbierek it-tempju l-ġdid. Dun Karlu sab knisja spazjuża iżda vojta mill-opri sagri meħtieġa għal-liturġija. Inbena artal maġġur proviżorju skulturat fil-ġebel. Dun Karlu Manchè qabbad lid-disinjatur Rabti CARMELO TONNA li dlonk ħejja disinn sabiħ li jaqbel mal-estetika Griega klassika tal-knisja parrokkali. L-artal maġġur inħadem mid-ditta *Società Commerciale Marmi Walton* ta' Viareggio, l-Italja. L-artal ġie maħdum minn irħam abjad *"bianco monumentale"*. L-ispiża telgħet għal 1,360 lira sterlina u tħallsu wkoll 353 lira sterlina dazju. Inġab marmist mid-ditta msemmija biex jimmonta l-artal. L-immuntar ħa ħamest ijiem u l-ispejjeż tal-istallazzjoni ħallashom l-Avukat Ġużeppi Pace. Dan l-artal fih simbolizmu ewkaristiku qawwi. Ġie mbierek (mhux ikkonsagrat) nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu 1948 mill-Arċisqof l-E.T. MIKIEL GONZI (1885-1984) (Episkopat 1944-1976).

Wara l-mewt tal-mibki Kappillan Dun Karlu Manchè fit-18 ta' Novembru 1950 il-Kurja Arċiveskovili għażlet lil Dun PAWL GALEA (1899-1970) (Parrokkat 1951-1966) bħala t-tielet kappillan tal-parroċċa. Dun Pawl Galea ħa l-pussess nhar it-18 ta' Marzu 1951. Matul il-parrokkat ta' Dun Pawl, fl-1952 inbidel il-bieb prinċipali taħt il-portiku tal-knisja, li ħallas għalih Ġanni Vassallo. L-ewwel opra li ġabar għaliha Dun Pawl kien il-kisi tal-paviment bl-irħam. Dan il-paviment ġie mbierek mill-Isqof Awżiljarju l-E.T. EMANUELE GALEA (1891-1974) nhar it-13 ta' Settembru 1953. B'hekk issa l-knisja parrokkjali kellha r-rekwiżiti kollha biex uffiċjalment tintuża għall-kult divin billi ssir il-konsagrazzjoni tat-tempju.

Matul viżta pastorali tal-Arċisqof l-E.T. Mikiel Gonzi fil-parroċċa tagħna, Dun Pawl Galea wera x-xewqa tal-parruċċani tiegħu biex it-tempju jiġi kkonsagrat. L-Arċisqof Gonzi kien diġà kkonsagra sett ta' ħames qniepen fonduti mill-fonderija *John Taylor Bell Founders* ta' Loughborough, ir-Renju Unit, nhar it-30 ta' Ġunju 1957 fil-grawnd tal-Kulleġġ Stella Maris fi Triq San Albert. Kollox tħejja biex il-konsagrazzjoni ssir nhar is-Sibt 23 ta' Mejju 1959 (vġili tas-Solennità tat-Trinità Qaddisa, is-seba' ġimgħa taż-Żmien Ordinarju). Iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni hija pjuttost twila iżda sinifikattiva ħafna: minn tempju tal-ħaġar isir tempju ħaj fejn b'mod sagramentali l-Mulej jgħammar ġot-tempju tiegħu.

Iċ-ċerimonja bdiet billi lejlet il-konsagrazzjoni nġiebu r-relikwi qaddisa tal-martri biex wara jitqiegħdu fil-mensola (il-mejda) tal-artal maġġur. Il-Knisja titlob li fejn jitqaddes il-quddies, il-mensola trid tkun tal-irħam biċċa sħiħa (xorka) u ġo nofs din l-irħama jindifen l-għadam tal-martri. Kristu miet martri biex jifdina. L-urna tar-relikwi tqiegħdet ġo kamra privata fis-sagristija bi tnax-il xemgħa mixgħula quddiemha. Ir-rit beda billi tkanta l-Laudi (talb ta' sbieħ il-jum). Inxtegħlu tnax-il xemgħa quddiem is-slaleb Griegi tal-bronż mal-kolonni tal-kursija u mal-pilastri tal-presbiterju. Waqt li l-isqof libes l-ilbies episkopali, il-kor kanta seba' salmi penitenzjali. L-Arċisqof Gonzi raxx il-ħitan ta' barra tal-knisja bl-ilma mbierek tliet darbiet (fuq, isfel u fil-livell ta' wiċċ il-konsagrant). Ir-ritwal kompla billi kull darba li ntraxx l-ilma fuq il-ħajt, il-konsagrant ħabbat bil-baklu mal-bieb ewlieni u d-djaknu fetaħ, waqt li sar talb ta' eżortazzjoni (tifħir lill-qawwa divina). Mat-tielet dawra nfetaħ beraħ il-bieb ewlieni tal-knisja, bil-kleru u l-kongregazzjoni jistennew barra. Tkantaw il-Veni Creator u l-Litanija tal-Qaddisin. Ġewwa l-knisja kien imraxxax irmied forma ta' salib ta' Sant'Andrija (forma ta' X) bit-truf tiegħu fil-kantunieri tad-dħul tal-knisja u t-truf l-oħra jmissu mal-presbiterju. Matul il-kant tal-*Benedictus* l-Arċisqof Gonzi beda jħożż (jikteb) bit-tarf tal-baklu l-alfabett Grieg, mill-battisteru sa quddiem il-presbiterju fuq in-naħa tal-Epistola. Wara l-Arċisqof ħażż (kiteb) bit-tarf tal-baklu l-alfabett Latin, minn ħdejn in-niċċa tal-vara titulari sa quddiem il-presbiterju fuq in-naħa tal-ambone (tal-Vanġelu).

Infakkar li dak iż-żmien ma kienx hemm ambone għax konna għadna bil-liturġija Tridentina. Minflok l-ambone kien jintuża l-pulptu. Il-pulptu li kellna fil-parroċċa kien għotja mill-parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Il-parroċċa qariba tagħna żanżnet pulptu artistiku fl-1935 u l-qadim malajr sab ruħu fil-parroċċa tagħna.

L-Arċisqof bierek l-ilma Gregorjan (taħlita ta' ilma, inbid, melħ u rmied) u bih raxx il-ħitan interni tliet darbiet: l-ewwel darba n-naħa t'isfel, it-tieni darba fil-livell ta' wiċċ il-konsagrant u t-tielet darba n-naħa ta' fuq. Wara dan, il-konsagrant raxxax f'forma ta' salib il-paviment tal-knisja. B'mod proċessjonali, inġiebu r-relikwi quddiem il-bieb ewlieni tal-maqdes. L-urna tar-relikwi dawruha maz-zuntier tal-knisja u meta waslu quddiem il-bieb ewlieni, inqraw żewġ digrieti mill-pontifikal tal-Konċilju ta' Trento. Il-konsagrant dilek il-koxox tal-bieb maġġur (bi slaleb Gregorjani żgħar). B'hekk beda r-rit tal-konsagrazzjoni tal-artal maġġur. Id-djakni kienu r-reffiegħa tal-urna bir-relikwi, daħlu ġol-knisja u waqfu quddiem il-presbiterju. Il-konsagrant dilek bil-balzmu l-erba' kantunieri tal-mensola, inċensa r-relikwi u qiegħed l-ampolla (il-kontenitur) ġol-ħofra fin-nofs tal-mensola. L-għatu tal-ħofra ġie midluk bil-balzmu fil-ġnub u fil-qiegħ tiegħu. Il-konsagrant qiegħed b'qima kbira l-għatu u ssiġilla b'siment imbierek (ramel, ġir u ilma mbierek) u wara dilek is-siġill tar-relikwi wkoll. Filwaqt li l-kor kanta l-iStetis Angelus, l-Arċisqof inċensa l-mensola tal-artal minn diversi bnadi (xellug, lemin, isfel u fuq). Il-konsagrant dilek in-nofs tal-mensola darbtejn biż-żejt tal-katekumeni, ma' kull dilka

jinċensa l-artal u jdur miegħu min-naħa tal-Epistola. It-tielet dilka saret bil-balzmu u l-konsagrant inċensa l-artal min-naħa tal-Vanġelu. Il-konsagrant b'idu l-leminija dilek biż-żejt tal-katekumeni u bil-balzmu l-wiċċ kollu tal-mensola.



Wasal il-waqt Ii l-konsagrant tela' fuq palk imtarraġ (bir-roti) fejn dilek bil-balzmu u inċensa t-tnax-il salib tal-bronż li għadhom ifakkruna f'dan il-jum għażiż tat-23 ta' Mejju 1959. L-Arċisqof mar quddiem l-artal maġġur u bierek blanzuni tal-inċens. Tqiegħdu ħames slaleb fil-kantunieri u fin-nofs tal-mensola. Kull salib kien magħmul minn ħames blanzuni tal-inċens u tqiegħdet xema' mdewba bil-ftila fuqhom. Issa l-konsagrant xegħel dawn il-ħames slaleb. Dawn il-ħames fjammi tal-inċens tħallew jinħarqu u jfewħu bil-fwieħa tagħhom. Il-konsagrant dilek forma ta' salib quddiem il-mensola tal-artal u dilek il-ġnub tal-mensola, simbolu li din il-ħaġra tal-irħam hija ħaġa waħda u hija għajn ta' qdusija għal kull min jersaq lejn l-artal. Wasal tmiem iċ-ċerimonja billi l-Arċisqof l-E.T. Mikiel Gonzi bierek il-paramenti sagri konnessi mal-artal, bħal trieħi (tlieta bojod), gandlieri, važuni, eċċ.

Ir-rit tal-konsagrazzjoni tal-knisja u tal-artal maġġur huwa wieħed pjuttost twil u xi ftit ikkumplikat, u nittama li ma ħallejtx xi dettall barra. L-iskop tiegħi huwa li intom, u jien inkluż, napprezzaw il-preżenza divina ta' Alla li jgħammar fit-tempju tiegħu. Missirijietna bnew it-tempju bejn l-1922 u l-1935 u dan ġie kkonsagrat lil Alla taħt il-patroċinju ta' SIDTNA MARIJA OMM U ĠMIEL IL-KARMELU. Kull sena f'dan il-jum, il-kappillan iqaddes quddiesa biex ifakkar dan il-jum għażiż (għall-parroċċa biss għandu Grad ta' Solennità) fejn jinċensa t-tnax-il salib tal-konsagrazzjoni u l-artal maġġur. Fl-Arċidjoċesi Maltija nfakkru l-konsagrazzjoni tal-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina, meta l-Isqof Davide Cocco Palmieri kkonsagra l-Katidral (Sede Veskovili) nhar it-8 ta' Ottubru 1702. Għall-Katidral biss din iċ-ċelebrazzjoni għandha Grad ta' Solennità, u peress li hija Omm il-Knejjes tad-Djoċesi, fil-knejjes kollha għandha Grad ta' Festa (Kulur Liturġiku Abjad).

Nagħlaq din il-kitba tiegħi b'silta mill-Kotba Mqaddsa, mis-Salm tar-Re David "*Quoniam zelus domus tuae comedit me et obprobria exprobantium tibi ceciderunt super me*" jew "Il-ħeġġa għal darek kilitni u t-tagħjir ta' min jgħajrek waqa' fuqi". Il-ħsieb tiegħi hu li kull darba li nidħlu fil-knisja parrokkjali tagħna u nħarsu lejn is-slaleb tal-konsagrazzjoni, ħsiebna jmur fil-jum għażiż tat-23 ta' Mejju 1959. Ejjew ilkoll, u jien magħkom, inweġġħu dan il-post imqaddes li missirijietna bnew biex fih nitqaddsu.



# Maharaja

**Indian Restaurant**

(Manager John Villiyam)

**Open: Lunch & Dinner Mon to Sun** 11.00 a.m. - 3.00 p.m. 6.30 p.m. - M.N.

*Take Away service also available*

186, The Strand Gzira. Tel: 2731 3200 Mob: 9921 3105 - 7749 4284

Fully Airconditioned